MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 2123/2004

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**Vs**

**Victor Saliba**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' hames mija w erbgha u ghoxrin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm524.15c) rapprezentanti kontijiet pendenti ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku fil-fond 171, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta skond il-kont numru 624046440.
Bl-ispejjez, inkluzi tmien liri Maltin u hamsin centezmu (Lm8.50c) spejjez ta' l-Ittra Ufficjali tat-22 ta' Marzu, 2000

u bl-imghax kummercjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-Nota ta' Riduzzjoni pprezentata fil-15 ta' Gunju, 2005 li biha l-Korporazzjoni attrici pro et noe rriduciet is-somma ghal erba' mija u tnejn u disghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm492.65c) stante pagament ta' erbghin lira Maltin (Lm40).

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat izda deher ghas-seduta tal-15 ta' Gunju, 2005 u accetta li l-ammont hu dovut.

Ghaldaqstant jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erba' mija u tnejn u disghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm492.65c) bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------